MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 820/1997/1

**Albert Sacco**
**v.**
**Anthony Agius u Mario Camilleri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' April, 1997 l-attur ippremetta illi huwa l-proprjetarju tal-fond "Trading House" Achille Ferris Street, Tal-Qroqq u ghandu l-pussess ta' l-istess; illi l-konvenuti jippossjedu l-fond adjacenti ta' l-attur u applikaw recentement, separatament, sabiex jibnu zewg

*showrooms* fuq xulxin fil-fond imsemmi u adjacenti ghal dak ta' l-attur, liema applikazzjonijiet gew milqughha mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, u huma numerati 7679/94 u 6699/94; illi l-konvenuti jew xi hadd minnhom, meta bdew jibnu l-*flats* rispettivi taghhom, kissru hajt ta' *shaft* fil-fond ta' l-attur, sabiex , kif jidher car illum, jibnu fuq dan l-ispazju, liema *shaft* huwa delineat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dokument [A]; illi l-konvenuti, jew xi hadd minnhom, il-gimgha l-ohra, imbarraw zewg twieqi li l-attur kellu fil-fond tieghu u li kienu jaghtu ghal fuq il-fond li llum jappartjeni lill-konvenuti, u liema twieqi ilhom hemm zmien twil u l-attur igawdi servitu` ta' dawl, liema twieqi jidhru fid-dokument A u jidhru wkoll kif gew recentement imbarrati fl-ritatti ezebiti u mmarkati Dokumenti [B1,B2,B3,B4] b'mod li llum l-attur ma jistax igawdi l-pussess tal-fond de quo kif kien igawdieh sa ftit zmien ilu; illi dawn ix-xogholijiet saru b'mod vjolenti u klandestin kif kontemplat fl-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk li dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin; kien ghalhekk li l-attur talab dik il-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-istess attur;
2. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirrintegraw lill-attur fil-pussess tieghu tal-proprjeta` fuq imsemmija li minnha hu gie spoljat, billi jerga' jinbena l-hajt tas-*shaft* kif kien originarjament u li jitnehhew il-*bricks* li tkahhlu ma' genb it-twieqi ta' l-attur;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirripristinaw il-proprjeta` de quo fl-istat originali tieghu qabel ma sar l-ispoll;
4. tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex isiru x-xogholijiet necessarji ghall-fini tad-domanda numru 3;
5. f'kaz li t-terminu jghaddi inutilment, tawtorizza lill-attur jattwa l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra, Kriminali u Civili, spettanti lill-attur, u senjatament dik ghad-danni.

B’nota tas-27 ta’ Mejju, 1997 l-attur ceda l-atti tal-kawza fil-konfront ta’ Mario Camilleri.

B’nota pprezentata fit-23 ta’ April, 1998 l-konvenut Mario Camilleri eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante illi hu m’huwiex il-proprjetarju u lanqas ma ghandu pussess ta’ ebda fond adjacenti ghall-fond ta’ l-attur u, inoltre, ma ghamel ebda xogholijiet f’xi fond adjacenti ghall-fond ta’ l-attur.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju l-konvenut Mario Camilleri ma kkommetta ebda spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-attur.

B’nota prezentata fil-11 ta’ Dicembru 1998 il-konvenut Anthony Agius eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-segwenti l-attur naqas milli jfisser b’mod car u sewwa fil-konfront ta’ l-esponent x’inhu l-oggett u r-raguni tat-talbiet elenkati fic-citazzjoni odjerna u ghaldaqstant l-imsemmija citazzjoni hija nulla u dana ai termini ta’ l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament l-attur qatt ma kellu *shaft* fil-fond proprjeta` tieghu, liema *shaft* li ghalih qeghdha issir referenza kien l-*ispare toilet* tal-fond proprjeta` ta’ l-esponenti mibni mill-awtur ta’ l-esponent fuq proprjeta` tieghu u ghalhekk ir-rikorrent qieghed iqarraq b’din il-Qorti billi qieghed jassumi titolu ta’ proprjeta` u pussess inezi(s)tenti u sekondarjament l-attur qatt ma kien fil-pussess ta’ servitu` ta’ dawl stante illi dan l-allegat servitu` ta’ dawl gie akkwistat b’mod vjolenti u bil-mohbi liema att ma jiswiex sabiex jaghmel bazi ghal ksib ta’ pussess u dana ai terminu ta’ l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-drittijiet pretizi mill-attur huma nfondati tant illi l-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1966/97 prezentat mill-attur kontra l-istess konvenuti u fuq l-istess mertu gie michud minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-attur huma inottenibbli stante illi kwalunkwe kundanna ghal rintegrazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti m'hix ezegwibbli stante illi l-proprjeta` sovrastanti hija ta' terzi u kwalunkwe rintegrazzjoni kontra l-esponent ser tippregudika d-drittijiet ta' terzi li m'humiex parti fil-kawza odjerna.

B'nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fid-9 ta' Frar, 1999 debitament awtorizzata b'digriet ta' l-istess data, il-konvenut eccepixxa illi minghajr pegudizzju ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra l-azzjoni odjerna hija dekaduta ai termini ta' l-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-28 ta' Frar, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut Mario Camilleri stante c-cessjoni taghha fil-konfront ta' dan il-konvenut, u filwaqt li cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Anthony Agius rigwardanti l-hajt tas-*shaft* tal-fond *de quo* stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Anthony Agius tad-9 ta' Frar 1999, cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Anthony Agius stante li l-azzjoni hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik il-Qorti inoltre kkundannat lill-attur ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Fis-sentenza msemmija l-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ewwel lok ikkunsidrat l-effetti tan-nota ta' cessjoni prezentata mill-attur fil-konfront tal-konvenut Mario Camilleri u waslet ghall-konkluzzjoni li, fi kliem l-istess sentenza[1], "*jidher li l-unika kwistjoni li baqa' f'din il-kawza rigwardanti l-allegat spoll hija dwar it-twieqi jew rewwiehat li gew allegatament imbarrati mill-konvenut Anthony Agius u dan anke kif l-attur ammetta huwa stess fil-kontro-ezami*

[1] Ara pagna 20 tas-sentenza – fol. 229 ta' l-process

*tieghu tat-28 ta' Marzu 2001 fejn huwa rrisponda b'dan il-mod a fol. 140 tal-process:-*
*"Jigifieri l-kawza kontra Agius tirrigwarda r-rewwieha, li jiena qed naghttilha (sic) rewwieha?*[2]

*"Iva".*

L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenut Agius, dejjem fil-kuntest tal-mertu li kien ghadu jinteressa lill-partijiet rimanenti in kawza, u wara li, ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza, cahdet l-erba' eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut Agius permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fil-11 ta' Dicembru, 1998, ghaddiet biex takkolji l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut
Agius billi rriteniet li l-azzjoni intentata mill-attur kienet perenta stante li giet istitwita wara li kien ghadda t-terminu kontemplat fl-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-attur hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Marzu, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha fil-waqt li tikkonferma s-sentenza in kwantu cahdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut, tirriforma(ha) fis-sens li tichad ukoll l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenut u tilqa' it-talbiet ta' l-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

L-aggravji ta' l-attur, kif elenkati fir-rikors, jikkonsistu fis-segwenti:-
a) Li d-dritt ghall-smigh xieraq protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem ma giex osservat.
b) Li l-Ewwel Qorti apprezzat il-fatti zbaljatament meta waslet fil-konkluzzjoni li l-azzjoni fil-konfront ta' Anthony Agius hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] Il-mistoqsija proprjament kienet, kif tidher mit-traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 140: "Jigifieri l-kawza kontra Agius tirrigwarda l-imrewha, li jien qed nghidilha imrewha?"

c) Li l-ghoti ta’ l-ispejjez kollha kontra l-attur appellant kien zbaljat in vista tal-fatti li rrizultaw lill-Qorti dwar Mario Camilleri.

Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat Anthony Agius talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**Ikkunsidrat:-**

**a) Dwar is-smigh xieraq.**

B’dan l-aggravju l-attur appellant qed jilmenta mil-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex tinstema’ x-xhud Ester Pace, li ma kinitx dikjarata. F’dan ir-rigward qed ighid li b’dan il-mod gie mcahhad lilu d-dritt ghas-smigh xieraq.

Mill-atti jirrizulta li fil-21 ta’ Jannar 2002, permezz ta’ zewg digrieti separati li jgibu l-istess data, l-ewwel Qorti cahdet kemm it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kif ukoll it-talba biex tithalla tixhed Ester Pace. Dawn effettivament kienu digrieti hekk imsejha interlokutorji li, skond il-ligi, l-parti sokkombenti kellha dejjem id-dritt li tappella minnhom wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma’ l-appell minn dik is-sentenza. B’dana kollu l-istess attur appellant ma ressaq ebda appell fir-rigward u llimita l-appell tieghu ghall-mertu tal-kaz; imkien fir-rikors ma ntalbet ir-revoka ta’ dawn iz-zewg digrieti, jew ta’ wiehed minnhom. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ dan l-aggravju. Inoltre, inkwantu l-ilment qed jigi migjub ’l quddiem bhala wiehed ta’ natura kostituzzjonali, jigi rilevat li n-nuqqas ta’ l-attur appellant li jinterponi appell mid-digrieti fuq imsemmija jirrendi l-istess ilment wiehed sempliciment fieragh ossia frivolu fis-sens tas-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-Artikolu korrispondenti tal-Kap. 319.

b) **L-artikolu 791 tal-Kap 12.**

Fit-tieni aggravju tieghu l-attur appellant qed jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li jirrizultaw in atti. Issa kif dejjem gie ritenut din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raguni valida ghal dan, u fil kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex twarrab il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti. Infatti l-attur qed jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx affidament ghal dak li huwa xehed in prim istanza filwaqt li emmnet lill-konvenut li, skond l-istess attur, kien evaziv fir-risposti tieghu. In effetti minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi kollha migjuba in konnessjoni ma' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u kien biss wara li evalwat il-provi prodotti mill-partijiet li dik il-Qorti emmnet il-verzjoni tal-konvenut wara li osservat li l-attur kien titubanti u x-xhieda tieghu incerta, mentri l-provi prodotti mill-konvenut kienu precizi u sostanzjati b'dokumenti prodotti. L-ilment ta' l-attur dwar l-assenza ta' konferma bil-gurament tac-certifikat tal-Perit Fenech Vella, fis-sens li din ma ghandhiex tikkostitwixxi prova, kellu jigi sollevat in prim istanza. La darba dan ma sarx u d-dokument imsemmi thalla in atti, u inoltre gie kunsidrat mill-ewwel Qorti bhala prova sodisfacjenti u korroborattiva ta' dak li xehed il-konvenut, issa l-attur ma jistax jitlob l-isfilz ta' l-istess dokument. Dan l-aggravju ghalhekk ma jistax jigi accettat.

c) **Dwar l-ispejjez tal-kawza.**

L-attur appellant qed jilmenta finalment mill-fatt li huwa gie akkollat l-ispejjez kollha tal-kawza nkluzi dawk tal-konvenut Camilleri. Dwar dan, din il-Qorti tosserva li galadarba l-attur ceda l-kawza kontra l-konvenut Camilleri billi, kif jghid fl-istess nota, irrizultalu li dan ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda f'isem kumpanija, l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez ta' dan il-konvenut li gie mharrek inutilment. Kien jispetta lill-attur li jaghmel ir-ricerki mehtiega qabel ma jistitwixxi l-kawza biex jassikura ruhu li din kienet ser tkun indirizzata kontra persuna interessata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------